

Brussell, 25 ta' April 2022
(OR. en)

8379/22

EF 119
ECOFIN 363
DELECT 65

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn: Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur

lil: Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

Nru dok. Cion: C(2022) 1892 final

Suġġett: REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta' 31.3.2022 li jemenda l-istandards tekniċi regolatorji stabbiliti fir-Regolament Delegat (UE) 2020/1226 fir-rigward tal-informazzjoni li għandha tingħata skont ir-rekwiżiti ta' notifika STS għal titolizzazzjonijiet sintetiċi fil-karta tal-bilanċ

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument C(2022) 1892 final.

Mehmuż: C(2022) 1892 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 31.3.2022
C(2022) 1892 final

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' 31.3.2022

li jemenda l-istandards tekniċi regolatorji stabbiliti fir-Regolament Delegat (UE) 2020/1226 fir-rigward tal-informazzjoni li għandha tingħata skont ir-rekwiżiti ta' notifika STS għal titolizzazzjonijiet sintetiċi fil-karta tal-bilanċ

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT

Ir-Regolament (UE) Nru 2021/557 emenda r-Regolament (UE) Nru 2017/2402 (“ir-Regolament dwar it-Titolizzazzjoni”) u ħoloq qafas speċifiku għal titolizzazzjoni sempliċi, trasparenti u standardizzata (STS) fil-karta tal-bilanċ. Għalhekk, il-kamp ta’ applikazzjoni tat-tikketta STS ġie estiż lil hinn mit-titolizzazzjonijiet tradizzjonali (jiġifieri dawk fejn l-assi titolizzati jinbiegħu lil entità bi skop speċjali) biex jinkludi wkoll titolizzazzjonijiet fejn l-assi jibqgħu fuq il-karta tal-bilanċ tal-emittent.

L-Artikolu 27(6) tar-Regolament (UE) 2017/2402 jagħti s-setgħa lill-Awtorità Ewropea dwar it-Titoli u s-Swieq (ESMA) tiżviluppa standards tekniċi regolatorji (RTS) abbozzati li jispeċifikaw l-informazzjoni li l-oriġinaturi u l-isponsors huma meħtieġa jipprovdu sabiex jikkonformaw mar-rekwiżiti ta’ notifika STS. L-ESMA kienet meħtieġa tippreżenta dawn l-istandards abbozzati lill-Kummissjoni sal-10 ta’ Ottubru 2021.

Dawn l-istandards tekniċi regolatorji jikkonċernaw, b’mod partikolari, it-titolizzazzjonijiet STS fil-karta tal-bilanċ, minħabba li r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/1226 diġà jispeċifika l-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta lill-ESMA fir-rigward tat-titolizzazzjonijiet tradizzjonali u tal-karti kummerċjali garantiti b’assi li jixtiequ jużaw id-deżinjazzjoni STS.

Skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 li jstabilixxi l-ESMA, il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi fi żmien tliet xhur mill-wasla tal-abbozz tal-istandards jekk tapprovax l-abbozzi ppreżentati. Il-Kummissjoni tista’ wkoll tapprova l-abbozz tal-istandards parzjalment biss, jew b’emendi, meta l-interessi tal-Unjoni jkunu jesigū hekk, filwaqt li titqies il-proċedura speċifika stipulata f’dawk l-Artikoli.

2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT

F’konformità mat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 10(1) tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010, l-ESMA wettqet konsultazzjoni pubblika. Fis-27 ta’ Mejju 2021 ġie ppubblikat dokument ta’ konsultazzjoni u l-perjodu ta’ konsultazzjoni għalaq fl-20 ta’ Awwissu 2021. Skont il-mandat legali, l-ESMA kkoperat mill-qrib mal-Awtorità Bankarja Ewropea u mal-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol waqt l-iżvilupp tal-RTS.

Skont it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 10(1) tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010, ir-rapport finali jinkludi l-informazzjoni ta’ sfond rilevanti kollha, b’mod partikolari l-isfond u r-raġunament wara l-istandards tekniċi abbozzati, il-valutazzjoni tal-impatt u r-rispons għall-konsultazzjoni pubblika. Il-Bord ta’ Superviżuri tal-ESMA approva r-rapport finali fis-7 ta’ Ottubru 2021 u dan ġie ppubblikat fuq is-sit web pubbliku tal-ESMA.

3. ELEMENTI ĠURIDIĊI TAL-ATT DELEGAT

Dawn l-istandards tekniċi regolatorji jstabilixxu l-informazzjoni li jenħtieġ li tiġi nnotifikata lill-ESMA mill-oriġinaturi ta’ titolizzazzjonijiet sintetiċi fil-karta tal-bilanċ li jfittxu li jitolbu d-deżinjazzjoni STS. B’mod simili għall-informazzjoni meħtieġa mit-titolizzazzjonijiet tradizzjonali, l-oriġinaturi huma meħtieġa jippreżentaw informazzjoni dwar il-konformità tat-titolizzazzjoni ma’ kull kriterju STS individwali. Dawn l-istandards tekniċi ta’ regolamentazzjoni jiġbru l-kriterji STS fi tliet kategoriji, kull waħda minnhom hija assoċjata ma’ livell differenti ta’ dettall, skont il-kumplessità tal-kriterju, sabiex jippermettu li l-investituri jifhmu kif it-titolizzazzjoni tikkonforma mar-rekwiżiti STS. Dawn il-kategoriji huma: i) konferma; ii) spjegazzjoni qasira; u iii) spjegazzjoni dettaljata.

F'każijiet ta' titolizzazzjonijiet privati fil-karta tal-bilanċ, l-oriġinaturi jinnotifikaw lill-ESMA permezz ta' żewġ mudelli STS: notifika STS kompluta b'mod sħiħ, li mhux se tiġi ppubblikata, u notifika STS anonimizzata tajba għall-pubblikazzjoni fuq sit web tal-ESMA. L-oriġinaturi huma mistennija jinfurmaw lill-awtoritajiet kompetenti rispettivi tagħhom dwar il-kontenut kollu tan-notifika STS għat-titolizzazzjonijiet privati skont l-Artikolu 27(1) tar-Regolament dwar it-Titolizzazzjoni.

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' 31.3.2022

li jemenda l-istandards tekniċi regolatorji stabbiliti fir-Regolament Delegat (UE) 2020/1226 fir-rigward tal-informazzjoni li għandha tingħata skont ir-rekwiżiti ta' notifika STS għal titolizzazzjonijiet sintetiċi fil-karta tal-bilanċ

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2017/2402 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2017 li jstabilixxi qafas ġenerali għat-titolizzazzjoni u li joħloq qafas speċifiku għal titolizzazzjoni sempliċi, trasparenti u standardizzata, u li jemenda d-Direttivi 2009/65/KE, 2009/138/KE u 2011/61/UE u r-Regolamenti (KE) Nru 1060/2009 u (UE) Nru 648/2012¹, u b'mod partikolari t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 27(6) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/1226² jispeċifika l-informazzjoni li l-partijiet tat-titolizzazzjoni għandhom jipprovdu lill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA) skont ir-rekwiżiti ta' notifika sempliċi, trasparenti u standardizzati (STS) għal titolizzazzjonijiet tradizzjonali "ta' bejgħ veru" stabbiliti fl-Artikoli minn 19 sa 22 u l-Artikoli minn 23 sa 26 tar-Regolament (UE) 2017/2402.
- (2) Ir-Regolament (UE) 2021/557 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³ emenda r-Regolament (UE) 2017/2402 billi estenda l-qafas tat-titolizzazzjoni STS għal titolizzazzjonijiet sintetiċi fil-karta tal-bilanċ. Għaldaqstant, huwa meħtieġ li tiġi speċifikata l-informazzjoni li l-oriġinaturi jridu jippreżentaw lill-ESMA biex jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' notifika STS għal titolizzazzjonijiet sintetiċi fil-karta tal-bilanċ.
- (3) Sabiex l-investituri, l-investituri potenzjali u l-awtoritajiet kompetenti jingħataw idea ġenerali komparattiva tat-tipi kollha ta' titolizzazzjonijiet STS, ikun xieraq li tiġi żgurata l-konsistenza bejn in-notifiki STS kollha. Għalhekk, jenħtieġ li l-informazzjoni li l-oriġinaturi jridu jippreżentaw rigward il-konformità mar-rekwiżiti STS stabbiliti fl-Artikoli 26b sa 26e tar-Regolament (UE) 2017/2402 issegwi standards u livell ta' dettall simili għal dawk stabbiliti fl-Annessi I, II u III tar-Regolament Delegat (UE) 2020/1226. B'mod partikolari, konferma sempliċi tal-konformità hija biżżejjed għal xi kriterji, filwaqt li kriterji oħrajn jeħtieġu informazzjoni addizzjonali. Għaldaqstant, huwa neċessarju li ssir distinzjoni bejn

¹ ĠU L 347 28.12.2017, p. 35.

² Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/1226 tat-12 ta' Novembru 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2017/2402 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jstabilixxi standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw l-informazzjoni li għandha tingħata skont ir-rekwiżiti ta' notifika STS (ĠU L 289, 3.9.2020, p. 285).

³ Ir-Regolament (UE) 2021/557 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2021 li jemenda r-Regolament (UE) 2017/2402 li jstabilixxi qafas ġenerali għat-titolizzazzjoni u li joħloq qafas speċifiku għal titolizzazzjoni sempliċi, trasparenti u standardizzata biex jgħin l-irkupru mill-kriżi tal-COVID-19 (ĠU L 116, 6.4.2021, p. 1).

dawk il-kriterji STS li għalihom konferma sempliċi tkun biżżejjed u dawk li għalihom tkun meħtieġa spjegazzjoni qasira jew spjegazzjoni dettaljata.

- (4) Titolizzazzjonijiet sintetiċi fil-karta tal-bilanċ fejn ma jrid jiffassal l-ebda prospett skont ir-Regolament (UE) 2017/1129 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴ jippermettu li l-partijiet jidħlu fi tranżazzjonijiet ta' titolizzazzjoni mingħajr ma jiżvelaw informazzjoni kummerċjali u sensittiva. Fir-rigward tal-informazzjoni li trid tiġi ppubblikata fin-notifiki STS ta' dawn it-titolizzazzjonijiet, għalhekk, ikun xieraq li jkun hemm biss informazzjoni kummerċjali iżda mhux sensittiva.
- (5) Sabiex tiġi ffaċilitata l-informazzjoni rilevanti għar-rekwiżiti STS, jenħtieġ li l-oriġinaturi jithallem jirreferu għal kwalunkwe prospett rilevanti mfassal għal dik it-titolizzazzjoni sintetika fil-karta tal-bilanċ skont ir-Regolament (UE) 2017/1129 jew għal dokumentazzjoni sottostanti rilevanti oħra kif imsemmi fl-Artikolu 7(1), il-punt (b) tar-Regolament (UE) 2017/2402. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-oriġinaturi jithallem jirreferu għal kwalunkwe dokument ieħor relatat mal-investituri u l-oriġinaturi, il-ftehim ta' protezzjoni tal-kreditu, l-aġent ta' verifika ta' parti terza u, fejn disponibbli, id-dokumentazzjoni tat-tranżazzjoni li tappoġġa n-noti marbuta mal-kreditu.
- (6) Sabiex jittejjbu t-trasparenza u l-konsistenza tal-informazzjoni bejn l-oqsma interrelatati u biex jiġu ċċarati l-karatteristiċi speċifiċi ta' ċerti titolizzazzjonijiet, inklużi titolizzazzjonijiet ta' trust prinċipali, huwa meħtieġ li tiġi ċċarata l-informazzjoni li għandha tiġi rrapportata fil-kolonna "Isem tal-qasam" u "Kontenut li għandu jiġi rrapportat" għal ċerti oqsma fl-Annessi I, II u III tar-Regolament Delegat (UE) 2020/1226.
- (7) Għaldaqstant, jenħtieġ li r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/1226 jiġi emendat skont dan.
- (8) Dan ir-Regolament huwa bbażat fuq l-istandards tekniċi regolatorji abbozzati ppreżentati mill-ESMA lill-Kummissjoni.
- (9) L-ESMA wettqet konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħa dwar l-istandards tekniċi regolatorji abbozzati li dan ir-Regolament huwa bbażat fuqhom, analizzat il-kostijiet u l-benefiċċji potenzjali relatati u talbet il-parir tal-Grupp tal-Partijiet Interessati tat-Titoli u s-Swieq stabbilit f'konformità mal-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emendi għar-Regolament Delegat (UE) 2020/1226

Ir-Regolament Delegat (UE) 2020/1226 huwa emendat kif ġej:

- (1) L-Artikolu 1 huwa emendat kif ġej:

⁴ Ir-Regolament (UE) 2017/1129 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2017 dwar il-prospett li għandu jiġi ppubblikat meta titoli jiġu offruti lill-pubbliku jew jiġu ammessi għall-kummerċ f'suq regolat u li jħassar id-Direttiva 2003/71/KE (ĠU L 168, 30.6.2017, p. 12).

⁵ Ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84).

- (a) fil-paragrafu 1, jiżdied il-punt (d) li ġej:
“(d) meta t-titolizzazzjoni tkun titolizzazzjoni sintetika fil-karta tal-bilanċ, l-informazzjoni speċifikata fl-Anness IV ta’ dan ir-Regolament.”;
- (b) fil-paragrafu 2, jiddaħħal il-punt (d) li ġej:
“(d) meta t-titolizzazzjoni tkun titolizzazzjoni sintetika fil-karta tal-bilanċ, l-informazzjoni speċifikata fl-oqsma STSSY2, STSSY10, STSSY12 u STSSY13 tal-Anness IV ta’ dan ir-Regolament.”;
- (2) L-Artikolu 2 huwa emendat kif ġej:
- (a) is-sentenza introdutturja hija sostitwita b’dan li ġej:
“Meta d-dokumenti segwenti jinkludu informazzjoni rilevanti għan-notifika STS, tista’ tingħata referenza għall-partijiet rilevanti ta’ dawk id-dokumenti fil-kolonna “Informazzjoni addizzjonali” fl-Annessi I, II, III jew IV ta’ dan ir-Regolament u, meta tingħata din l-informazzjoni, dik id-dokumentazzjoni għandha tiġi identifikata b’mod ċar.”;
- (b) il-punt (c) huwa sostitwit b’dan li ġej:
“(c) kwalunkwe dokument ieħor b’informazzjoni rilevanti għan-notifika STS, inkluż, għal titolizzazzjonijiet sintetiċi fil-karta tal-bilanċ, dokumenti relatati ma’ kwalunkwe oriġinatur, kwalunkwe investitur, il-ftehim ta’ protezzjoni tal-kreditu, l-aġent ta’ verifika ta’ parti terza msemmi fl-Artikolu 26e(4) tar-Regolament (UE) 2017/2402, u, fejn disponibbli, id-dokumentazzjoni li tappoġġa n-noti marbuta mal-kreditu msemmija fil-ħames subparagrafu tal-Artikolu 26e(10) tar-Regolament (UE) 2017/2402.”;
- (3) L-Annessi I, II u III huma emendati kif stipulat fl-Anness I ta’ dan ir-Regolament.
- (4) Jiżdied l-Anness IV, kif stabbilit fl-Anness II ta’ dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidhrol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 31.3.2022

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN